VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

It-Tnejn 15 ta' Jannar 2024

Il-Kunsill Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċini tal-Kunsill Lokali fil-16:00 hrs.

PREŻENTI:
Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Vincent Fabri – Kunsillier
Lian Pace – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 120A (20):
Jurgen Briffa – Kunsillier (Skuzat)
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv
Christabel Busuttil – Office Assistant

## Minuti

Is-Sindku ippreseda din il-laqgħa.  Il-Kunsill qal it-talba.

## 57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

57.1.1 Nil

## 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

57.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 57.3 Komunikazzjoni mis-sindku

57.3.1 Is-sindku informa li ċemplulu diversi residenti biex jilmentaw dwar il-monument ta' San Pawl li hadem fuqu Zampa ghaliex dawn minkejja ftehim illi jitnehha biss il-parkegg ta' wara il-monument, gew installati xi bollards quddiem il-monument li ma kellhomx isiru.

57.3.2 Is-Sindku informa li xi nies ilmentaw minhabba li tnehhew il-parkeggi ta' quddiem Il-Horza, fi Triq San Kristofru u qedgin jitlobu li dawn jergghu isiru. Is-sindku ma jixtieqx li isir dan ghax b'hekk il-flow tat-traffiku sar ahjar.

57.3.3 Is-sindku informa illi il-lift ta' Marsamxett ghandu ikun lest u miftuh sa Marzu 2024.

57.3.4 Is-sindku informa illi id-dawl tar-ring-road ghandu ikun lest sa Marzu.

57.3.5 IS-sindku informa illi il-Klabb tal-Bocci ta' Marsamxett talbuh ghal xi ghajnuna finanzjarja minhabba li ghandhom dlam ċappa. GA qaltlu li dawn ghandhom jiktbulha ittra uffiċċjali fejn jghidulha x'ghandhom bżonn u naraw kif nistghu nghinuhom.

57.3.6 AZ informa illi hafna mill-affarijiet li huma risponsabbli ghalihom il-Cleansing Department qedghin bla dawl u ma jiffunzjonawx sew.

57.3.7 Is-sindku informa li talab lil Enemalta biex il-floodlights jergghu jibdew jixghelu is-swar ta' fejn l-Ambaxxata tal-Kavallieri. Dawn kienu jixgheluhom il-Ministeru tal-Finanzi imma issa ser jiehduhom f'idejhom l-Enemalta.

57.3.8 AZ informa li jixtieq li issir xi haġa dwar il-bankina fejn hemm it-tinda taz-zwiemel ta' fejn kienu ta' l-ID cards.

57.3.9 Is-sindku informa illi huwa kien ha l-inizjattiva biex il-Knisja tal-Karmnu tinghata il-fondi habba id-dawl tal-koppla li kienet saret mill-Ministru Ian Borg u GHRC. Is-sindku informa illi huwa kellem lil Ministru tat-Turizmu Clayton Bartolo u dan wieghed li jaghti lil Knisja tal-Karmnu €10,000 fis-sena ghal dejjem. Ghandu isir ftehim bejn il-Ministeru u il-Knisja biex dan il-ftehim isir bil-kuntratt.

57.3.10 AZ informa li huwa jixtieq li Jum il-Belt ta' din is-sena isir b'mod tajjeb. Dan ser isir iktar tard minhabba li din is-sena Jum il-Belt jiġi nhar il-Gimgha il-Kbira.

57.3.11 AZ informa li il-Ministru Owen Bonnici talbu biex jiltaqgha mieghu dwar l-Gimgha il-Kbira. Is-sindku jixtieq li ma tindaqqx mużika f'Hamis ix-Xirka, fid-Duluri u fil-Gimgha il-Kbira.

## 57.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

57.4.1 Wara li staqsa is-sindku dwar il-progett tal-Playing Field ta' Sant' Iermu, GA infurmat illi dan il-progett ghandu jibda fi Frar li gej u ser isir minflok il-magna tal-BCRS.

57.4.2 GA infurmat illi il-public convenience ta' Marsamxett ghandha tkun lesta sa l-ahhhar ta' Jannar ghaliex issa baqa biss kemm jitwahhlu il-bibien. Din ser ikun fiha bathrooms ghan-nisa, irġiel, nies bid-dizabilita' u tfal. Ser jiġu installati ukoll CCTV cameras minhabba sigurtà u vandaliżmu.

57.4.3 GA infurmat illi dalwaqt ser jinbdew ix-xogholijiet fil-Gonna ta' Hastings.

57.4.4 GA infurmat illi l-cameras ta' l-iskema tal-LESA ser jinqabdu dirett mas-sistema tal-LESA.

57.4.5 GA infurmat illi ser tapplika biex isiru fanali ġodda fiz-zoni residenzjali tal-Belt Valletta.

57.4.6 GA infurmat illi bhalissa il-kunsill qieghed fi proċess biex jibdel is-sistema telefonika tal-Kunsill minn GO PlC ghal Melita PLC. Dan sabiex ikun iktar konformi mas-sistema tad-DLG u kif ukoll ghax kien hemm differenza sostanzjali fil-prezzijiet.

57.4.7 GA infurmat illi nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar ser tattendi laqgha tas-Segretarji Ezekuttivi fejn ser jiltaqghu mad-Direttur Generali il-gdid Mr. Emil Vassallo.

57.4.8 GA infurmat illi l-audit tal-kunsill ser isir f'April 2024. Il-gurnata ser tiġi ikkonfermata iktar 'l quddiem.

57.4.9 GA infurmat li l- impjegata LC mhux ser tiehu performance bonus minhabba li kellha 3 warnings kif ukoll minhabba n-nuqqasijiet kbar fix-xoghol taghha tant li intilfu l-fondi fuq 2 progetti ta' l-eu li hi kienet responsabli ghalihom. Wiehed mil-progetti i-access kien fir-responsabilia' taghha fi zmien il-covid. F'dan iz-zmien hi suppost kienet qeghda tahdem fuqu mil-kumdita tad-dar. Pero jidher li kienet qeghda taghmel xoghol iehor mhux relatat ma' xoghol tal-kunsill.

57.4.10 GA infurmat illi kellha laqgha ma Ramon Deguara tal-Cleansing. Dan infurmaha li ser jiġu launched numru ta' robots li ser jibdew inaddfu iz-zona kummerċjali tal-Belt. Ser ikun hawn ukoll xi vetturi self driven biex inaddfu ir-ring road. GA infurmat li ser ikun hawn 4 robots inaddfu iz-zona kummerċjali.

57.4.11 GA infurmat illi matul din il-laqgha hija tkellmet ma Ramon Deguara fuq il-problema tad-dawl fiz-zona tal-Parlament. GA infurmat illi baghtet lil haddiema jiehdu ir-ritratti ta' dawn iz-zoni u li Ramon Deguara ser jassisti biex dawn iz-zoni jergghu jixghelu.

57.4.12 GA infurmat illi ser ikollha laqgha ma TM / Malta Public Transport minhabba li hija qedgha tipprova tibdel il-post ta' bus stop partikolari biex ikun f'post iżjed sigur. Talbet lil kunsillera jibaghtulha jekk hemm xi bus stops li ikollhom ilmenti fuqhom jinfurmawha.

57.4.13 GA infurmat illi il-kunsill ser jirritorna il-karozzi il-bojod lura lil Continental Cars.

## 57.5 Mistoqsijiet u kummenti tal-Kunsillieri

57.5.1 RA staqsa dwar ser jiġri fuq il-bust / monument iddedikat lil Pawlu Curmi il-Pampalun. GA infurmatu illi minhabba il-prezz ta' dan il-monument hija ser taghmel laqgha mad-Direttur Generali biex ikollha l-approval. AZ informa illi il-pjan huwa li il-kunsill ihallas ghal bust u talab lil GA biex tibghat ittra uffiċċjali lil Ministru Owen Bonnici biex dawn ikunu jistghu jghinnu billi ihallsu tal-pedestall. Is-sindku jixtieq illi issir laqgha mal-familjari ta' Pawlu Curmi biex dawn ikunu jafu x'inhu jiġri.

57.5.2 RA staqsa dwar fejn twahhlu il-cameras sa issa u jekk ġewx ikkonnettjati mas-sistema tal-LESA. GA infurmatu illi bhallissa qedghin fil-process lil jinqabdu mas-sistema tal-LESA. Il-cameras li twahhlu sa issa huma:

- Triq San Pawl ma Triq San Nikola
- Triq il-Merkanti ma Triq it-Tramuntana
- Triq il-Mediterran ma Triq San Nikola
- Triq l-Ifran ma Triq San Duminku

57.5.3 VF saqsa dwar it-tabelli tal-parkegg ta' fejn il-ministeri minhabba li hemm minnhom li ma ghandhomx hinijiet. GA infurmatu illi dawn kollha ser jiġu irranġati u isiru bil-hin biex b'hekk ikunu jistghu jiġu użati mir-residenti barra mill-hinijiet tal-Ministeru.

57.5.4 RA informa li huwa kellem lil Michael Cohen ta' Transport Malta biex issa li il-progett ta' Pjazza Indipendenza huwa lest, il-parkeggi li inzebghu sofor fi Triq Marsamxett jergghu isiru hodor.

57.5.5 RA saqsa dwar il-public conveniences ta' Strada Carri u Triq Melita. GA infurmatu illi dawn qedghin jiffunzjonaw it-tnejn u li qieghed jiehu hsiebhom Mr. Spagnol.

57.5.6 RA saqsa illi peress li issa ġiet launched bus 133 izghar biex naraw jekk hux possibbli li din tiehu post il-van li qieghed jintuża bhalissa.

57.5.7 RA saqsa jekk hemmx informazzjoni dwar il-permessi tal-Karnival. GA infurmatu li il-conditions tal-laqgha ta' ftehem ta' 6 xhur ilu ma inbidlux minhabba safety u l-istalls ser jintramaw biss go Pjazza La Valette.

57.5.8 RA informa illi kellu kliem ta' tifhir fuq ix-xufiera il-gdida tal-kunsill.

## 57.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

57.6.1 Nil

## 57.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

57.7.1 NIL

## 57.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Dicembru 2023

## 57.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Ta' Performance Bonuses ghas-sena 2023

Il-Kunsill approva li il-Performace Bonuses tal-haddiema tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta kif inhuma imnizzli hawn taht.

| Isem tal-Haddiem | Performance Bonus |
|---|---|
| Gabriella Agius | 10% |
| Christabel Busuttil | 6% |
| Paul Camilleri | 6% |
| Matthew Carbonaro | 6% |
| Leonora Celeste | 0% |

| | |
|---|---|
| Tony Galea | 6% |
| Hayden Paul Sciberras | 6% |
| Julian Vassallo | 6% |

Il-Kunsll ser jaghti 3% performance bonus lil haddiema ta' l-iskema CIES, Marciano Lapira u Tonio Scerri.

Il-kunsill lokali tal-Belt Valletta ghadda il-pagament lil District Operations biex il-haddiema ta' barra ie. Noel Briffa, Reeves Cini, Paul Camilleri, Shazia Camilleri, John Grech u Stephania Mallia jiehdu il-performance bonus taghhom.

57.9 Il-Laqgha tal-Kunsill li imiss ser issir fid-19 ta' Frar 2024 fl-16:00.

IFFIRMATA

Alfred Zammit
Sindku

IFFIRMATA

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv